Story

Qafas komuni għal kontroll aħjar: armi

L-UE fost l-ikbar produtturi u esportaturi tal-armi madwar id-dinja. Filwaqt li pożizzjoni komuni tiggverna l-bejgħ ta' tagħmir militari lil pajjiżi terzi, xejn ma jeżisti fuq livell Ewropew rigward l-użu tal-armi għal persuni ċivili. Ilbieraħ 13 ta' April, il-Parlament aċċetta li jkun hemm regoment li jżid it-trasparenza għal dawn it-tranżazzjonijiet, filwaqt li jagħmel il-proċedura iktar effiċjenti għall-attivitajiet sportivi u dawk għad-divertiment.

Jiġu stabbiliti regoli għar-regolazzjoni tal-esport, tal-import u tat-tranżitu tal-armi

Nhar l-Erbgħa 13 ta' April, il-Kumitat għall-Industrija ivvota favur regolament għall-ewwel darba li jwaqqa regoli rigward l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, għall-importazzjoni u għat-tranżitu tal-armi tan-nar.

Din il-leġislazzjoni ser tapplika ċerta aspetti mill-Protokoll 2001 tan-Nazzjonijiet Uniti rigward l-armi tan-nar li timmira għat-tnaqqis tat-traffikar u l-produzzjoni ta' armi illegali. Sal-lum kienu biss 13-il-Stat Membru li rratifika dan. Malta mhux inkluża. Dan ir-regolament idaħħal regoli komuni u jkun japplika biss għal kummerċ ma' pajjiżi terzi u mhux bejn pajjiżi tal-UE. "Dan huwa l-ewwel strument li jorbot rigward armi tan-nar żgħar," jiddikjara r-rapporteur Salvatore Iacolino (PPE, IT).

X'ser jinbidel eżattament

Il-proċedura ser iddaħħal "proċedura għall-esportazzjoni" li tagħti awtorizzazjoni għall-esport wara li pajjiż ikun ġie aċċettat mill-pajjiż li jkun ser jirċievi u anki jkun akkwista nota li ma toġġettax mill-pajjiżi tat-tranżitu.

"Bla dubju fejn ikun hemm raġuni li pajjiż jaħseb li jkun hemm traffiku tal-armi allura l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrefjutaw l-awtorizzazzjoni."

Industrija ta' biljuni ta' ewros

Ir-regolament jimmira li jkabbar il-ġlieda kontra t-traffiku tal-armi. Din industrija li tissarraf f'biljun ta' ewros. Skond l-aħħar rapport tal-Kunsill għal 2009 l-esportazzjoni ta' tagħmir tal-armi tela' għal 40, 3 biljun ewros.

Servizz ta' l-Istampa
Direttorat għall-Mezzi tax-Xandir
Direttur - Spokesperson : Jaume DUCH GUILLOT
Reference No.: 20110408STO17339
Press switchboard number (32-2) 28 33000